# It-tiġrijiet taż-żwiemel

It-tiġrijiet taż-żwiemel minn dejjem kienu l-għira ta' għadd kbir ta' Maltin, l-iktar ta' dawk li minn fil-għodu sa fil-għaxija ma jagħmlux ħaġ'oħra ħlief jaħdmu fil-bhejjem u kliemhom ma jistgħux idawruh fuq ħwejjeġ oħra għajr fuq iż-żwiemel.

Minn din il-għamla ta' nies, iżda, wieħed ma jsibx fost ir-raħħala tagħna biss. Tant hu hekk, li biżżejjed daqqa ta' għajn lejn il-Marsa nhar ta' Sibt meta jkun hemm it-tiġrijiet, biex wieħed ikun jista' jilmaħ miġburin, taħt it-tined fejn ikollha tmiem kull tiġrija, l-aqwa rġiel Maltin u Ingliżi, flimkien man-nisa tagħhom bl-aħjar ilbies ta' wara nofs in-nhar. Għalkemm bosta nisa jmorru biex juru kemm l-ilbies joqogħdilhom, ħafna oħrajn imorru għall-imħatri u biex jilagħbu l-flus. Għall-inqas hekk ġegħluk taħseb mill-interess li jieħdu f'kull żiemel li joħroġ għat-tiġrija.

L-aktar li jolqtuna l-lum huma t-tiġrijiet taż-żwiemel li sikwit isiru fl-Ingilterra u l-flejjes kbar li jintlagħbu fuqhom bil-biljetti ta' l-Irlanda. Irnexxielhom jaqbdu art f'Malta wkoll u għalkemm bil-moħbi, bosta huma dawk li jilagħbu l-flus f'dawn it-tiġrijiet.

Kulħadd jitkellem fuqhom malli jibdew jixterdu fl-idejn il-biljetti, u tara n-nies tixtri kotba sħaħ, tidħol sħab f'oħrajn, tissamma' fuq ir-radio liema jkunu ħarġu rebbieħa għat-tiġrija, u elf fettuqa oħra li għandha x'taqsam ma' dawn l-imsemmija premijiet ta' l-Irlanda.

Ċensa, dik l-istess waħda li meta kien ħaj Pawlu tagħha, kienet darba tgħaxxqet mhux ftit tara fuq il-liżar taċ-ċine l-koppla ta' San Pietru, it-Torri ta' Pariġi u mitt ħaġa oħra, wara ħafna tlugħ u nżul, xtrat biljett hi wkoll u qatgħet li, kemm-il darba tirbaħ xi flus, tmur tarahom b'għajnejha dawk il-gmelijiet li bħalhom ma ssibx f'Malta.

Nhar tlugħ il-biljetti, dak ta' Ċensa kien hemm ukoll f'wieħed mill-kaldaruni kbar tal-ħadid, jitħallat ma' oħrajn, daqqa n-naħa ta' fuq u daqqa jinżel 'l isfel u jitgħatta u jinħeba taħt oħrajn. Iżda kien qiegħed hemm ukoll u sata' għalhekk jeħel ma' subgħajn xi waħda mit-tfajliet sbieħ li kienu hemm imħejjijin biex jerfgħu l-biljetti.

Ħaġa li kienet tistennieha Ċensa bi ħrara kbira, il-biljett tagħha tala' fuq żiemel tajjeb għat-tiġrija; dak in-nhar stess waslilha telegramm bl-aħbar. F'leħħa ta' berqa r-raħal kollu sar jaf u kulħadd dar ma' Ċensa u feraħ magħha.

Jum it-tiġrija, Ċensa marret għand l-avukat tar-raħal, biex waqt li hu jisma' minn fuq ir-radio, jkun jaf igħidilha min ħa l-ewwel.

Joħroġ il-għaġeb, minn fost xi għoxrin żiemel, dak ta' Ċensa wasal quddiem l-oħrajn kollha, u b'hekk rebħet mhux inqas minn £30,000.

Ferħ mill-ġdid mar-raħal bi ħġaru, daqq wara bieb Ċensa, xorb lil kull min imur jeħdilha b'idha, ħelu bir-rimi għat-tfal tal-ġirien, u saħansitra bagħtet lil tad-Dutrina. Il-fqar tar-raħal sabu f'Ċensa għajnuna kbira. It-tpittir tal-koppla tlesta f'qasir żmien. Kull min kien jiġi bżonn il-flus, kont tarah sejjer għand Ċensa, li b'qalbha f'idha kienet tieqaf ma' kulħadd.

Wara ftit, Ċensa siefret għal ftit ġimgħat u magħha ħadet lil bint oħtha. Meta ġiet lura, ma bbastat qatt tieqaf tgħid fuq u kemm rat ħwejjeġ sbieħ. In-nies tar-raħal saru jiftaħru li għandhom mara għanja daqstant, u kieku n-nies ta' pajjiżi oħra kienet twaqqaf monument lil dawk li jirbħu... xi kemxa flus, oqogħdu żguri li monument għal Ċensa ma kienx jonqos fil-misraħ ta' quddiem l-Iskola tal-Gvern.

B'danakollu, mhux kulħadd feraħ minn ġewwa daqskemm wera minn barra. Kienu ftit dawn, iżda lsienhom ma ssabbarx ma jlissenx xi ħaġa. Fost dawn, il-ġara Vitor, li dejjem ix-xekkek wara kull pass li tagħti Ċensa, ma naqsetx li sserraħ l-għira tagħha bi kliem bħal: "Kulħadd xortih fid-dinja; ma

rbaħtx jien, għandi ċorma tfal ma' djuli, rebħet Ċensa li ma jonqosha xejn." U għad illi dan il-kliem wasal sa widnejn Ċensa, din baqgħet dejjem issejjaħ ġo darha lil ulied Vitor u titmagħhom mill-aħjar li jkollha u tibagħtilha l-ħelu kull nhar ta' Ħadd.

Iżda, bil-mod il-mod f'Ċensa bdiet titrabba bħal kilba għall-flus. Għall-ewwel bdiet tnaqqas mill-għajnuna lejn il-fqar u lejn il-Knisja, sakemm spiċċat biex ma ridetx tagħmel ħaġa oħra ħlief iżżid fuq li kellha.

Ma kenitx ħaġa ta' xejn din ta' Ċensa; bdiet timrad bla ma tintebaħ. Ingħalqet f'darha u bilkemm kienet tixref biex tixtri x'tiekol. Kliem ftit ma' kulħadd, u meta titħaddet twaqqa' t-taħdit fuq il-flus. Meta tkun weħidha d-dar kienet taħli s-sigħat tgħodd il-liri, karta fuq karta, u tgiddem difrejha titħasseb kif tagħmel biex iżżid mal-flus li kellha merfugħin fil-kxaxen.

Kienet qiegħda tinfena. Saret magħluba għuda u safra lellux. Kollu ta' xejn kien il-kliem ħelu ta' oħtha u tal-Kappillan. Keċċiethom il-barra minn darha u bdiet tgħid li jriduha toħroġ mhux biex tieħu l-arja, imma biex jidħlu jisirqulha flusha. Għebet minn fuq fommha dik it-tbissima ta' qabel. Qalbha ma baqgħetx thoss iktar għan-niket ta' ħadd-ieħor.

Lanqas laħqu għaddew sentejn li Ċensa ma sfatx bejn erba' ħitan f'kamra ta' l-Imġienen, Hawnhekk ukoll kienet thewden fuq kemm flus trid iġġamma'. Kienet tħabbat rasha mal-ħajt għax tfettel li ħadd ma kien qiegħed iħallas il-kera li kellha tieħu; kienet tibki għax trid lura l-flus li ħallset għal tpittir il-koppla.

Kienet iġġiblek ħasra taraha f'dik is-sura; l-aktar meta wieħed jiftakar li qabel ma rebħet il-flus ta' l-Irlanda kellha wiċċha qisu ħawħa u kienet fuq tagħha daqs farfett. Issa x'tagħmel bihom il-flus ?

Ċensa kienet waslet fi tmiem it-tiġrija tal-ħajja.

VIC.